# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 2**

**Rikors numru 674/10 SM**

**Avukat Generali**
**Kummissarju tal-Pulizija**

**v.**

**Nicolai (Nicolai Christian) Magrin**
**Direttur Qrati u Tribunali Kriminali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors promotur tal-atturi datat 5 ta' Lulju, 2010, li permezz tieghu huma esponew is-segwenti:

> "1. Illi l-intimat Nicolat (Nicolai Christian) Magrin tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mixli li fid-29 ta' April 2006 ghall-habra tat-**8.15am** huwa saq vettura b'mod traskurat u bi ksur tal-ligi u per konsegwenza huwa kkaguna griehi hfief fuq Giuseppe Cuschieri.

"2. Illi permess ta' sentenza moghtija fl-24 t'Ottubru 2006, l-istess intimat kien liberat peress li l-hin tal-incident kif imnizzel fic-citazzjoni ma kienx jaqbel mal-hin kif irrizulta mill-provi.

"3. Illi wara, l-istess intimat tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, diversament preseduta, mixli li fid-29 t'April 2006 ghall-habta tat-**8.15pm** huwa saq vettura b'mod traskurat u bi ksur tal-ligi u per konsegwenza huwa kkaguna griehi hfief fuq Giuseppe Cuschieri. Permezz ta' sentenza moghtija fit-22 t'Ottubru 2007, dan l-intimat kien liberat a bazi tal-principju ta' ne bis in idem.

"4. Illi l-Avukat Generali appella minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, liema Qorti, permezz ta' sentenza moghtija fis-17 ta' Marzu 2008, laqhet l-appell u rrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-22 t'Ottubru 2007, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza u hekk baghtet il-process quddiem l-Ewwel Qorti biex ikun hemm decizjoni fuq il-mertu.

"5. Illi l-intimat Magrin deher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Onor. Magistrat Dr Giovanni Grixti, ghall-prosegwiment tal-kawza u hemm talab li jaghmel referenza kostituzzjonali. L-awtorizzazzjoni biex issir referenza nghatat permezz ta' digriet tad-19 ta' Mejju 2008.

"6. Illi r-referenza kostituzzjonali Referenza Nru 29/08 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai Christian) Magrin** kienet deciza mill-Prim Awla permezz ta' sentenza moghtija fis-26 ta' Marzu 2009.

"7. Illi l-Avukat Generali u l-Kummissaeju tal-Pulizija intavolaw appell minn din is-sentenza permess ta' rikors ipprezentat fil-Qorti Kostituzzjonali fis-7 t'April 2009.

"8. Illi l-appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali kien appuntat ghall-15 ta' Frar 2010.

"9. Illi fil-frattemp, u kif jirrizulta mill-verbal/sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Onor. Giovanni Grixti, dik il-Qorti tat is-sentenza fl-1 ta' Frar 2010 u lliberat lill-intimat Magrin, minkejja li l-proceduri kienu ghadhom pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u minkejja li r-rikors t'appell kien ilu intavolat madwar ghaxar xhur.

"10. Illi l-artiklu 46(3) u (4) tal-Kostituzzjoni, kif riflessi fl-artiklu 4(3) u (4) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> "*(3) Jekk f'xi proceduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin), dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili*

*kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijieet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni.*

"*(4) Kull parti fi proceduta migjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili skond dan l-artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali*".

"11. Illi min dan l-artiklu jidher car li meta Qorti taghmel referenza kostituzzjonali lill-Prim Awla, dik il-Qorti tkun obbligata li timxi mad-decizjoni finali tal-Prim Awla jew tal-Qorti Kostituzzjonali, skont liema wahda tikkostitwixxi res judicata. Kull interpretazzjoni ohra ta' dan l-artiklu tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 4 tal-Kap 319 twassal biex fi proceduri kostituzzjonali mibdija b'referenza, ikun imcahhad id-dritt tad-doppio esame lil xi parti fil-kaz u dan imur kontra principju fundamentali tas-sistema legali Maltija.

"12. Illi ghalhekk fil-kaz odjern, l-onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma setghet qatt tghaddi biex tiddeciedi l-kaz fil-mori ta' proceduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali dwar referenza kostituzzjonali minn dik il-Qorti stess.

"13. Illi ghalhekk l-esponenti jissottomettu li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Frar 2010 fil-konfront tal-intimat Magrin inghatat bi ksur tal-Kostituzzjoni u bi ksur tal-Kap 319, u ghalhekk hija nulla u bla effett.

"14. Illi jinghad li f'dan l-istadju l-procedura ta' referenza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ghadha pendenti.

"15. Illi jinghad ukoll li f'din il-kawza jkun utli jekk ikunu allegati l-atti tal-proceduri kriminali u kostituzzjonali msemmija, biex hekk din l-onorabbli Qorti tkun tista' tikkonstata l-fatti tal-kaz.

"Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Onor. Magistrat Giovanni Grixti fl-1 ta' Frar 2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicolai Magrin** bhala nulla u bla effett u tordna li dik il-Qorti tkompli tisma' l-kaz wara li jkun hemm decizjoni finali mill-Qorti Kostituzzjonali dwar ir-referenza kostituzzjonali numru Ref 29/08".

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali tal-1 ta' Settembru, 2010, li in forza taghha gie eccepit:

"1. ILLI preliminarjament jigi eccepit li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji talvolta applikabbli lir-rikorrenti qabel ma huma ttentaw jintavolaw il-proceduri odjerni.

"2. ILLI bla pregudizzju ghas-sueccepit, preliminarjament ukoll, it-talbiet tar-rikorrenti kif diretti kontra l-esponenti huma legalment insostenibbli stante li l-esponenti mhux il-legittimu kontradittur.

"3. ILLI bla pregudizzju ghas-sueccepit, fil-meritu *dato ma non concesso* li l-eccezzjonijiet sudetti ma jigux akkolti fi kwalunkwe kaz is-sentenza li qeghdha tigi attakkata hija valida skond il-Ligi u per tant it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt

"4. SALVI, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet ulterjuri".

Rat ir-risposta guramentata ta' Nicolai (Nicolai Christian) Magrin tal-14 ta' Settembru, 2010, li permezz taghha inghad:

"1. Illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, inkwantu l-azzjoni odjerna hija improponibbli quddiem dina l-Onorabbli Qorti, u dan stante li r-rimedju ta' l-atturi ghal-lanjanzi taghhom kellu jigi propost necessarjament quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali permezz ta' rikors ta' appell ai termini ta' l-Artikolu 413(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

"2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-permess, kienu effettivament l-atturi ghazlu huma stess li ma juzufrux mid-dritt taghhom ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, bir-rizultat li s-Sentenza attakkata minnhom illum hija res judicata, u huwa ghalhekk inkoncepibbli li l-atturi jirrikorru ghal azzjoni civili sabiex jerga jinghatalhom rimedju li effettivament diga` kellhom permezz ta' l-Artikolu 413(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex jipprova jissana n-nuqqas bil-proceduri odjerni in-nuqqas tieghu li jappella kif fuq imsemmi fiz-zmien specifikatament impost mil-Ligi ghal tali Appell;

"3. Illi ulterjorment, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandha tirrizulta l-inkompetenza *rationae materiae* ta' dina l-Onorabbli Qorti referibbilment ghat-talbiet odjerni. B'referenza ghall-Artikolu 428(3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi li hija fil-fatt il-Qorti ta' l-Appell Kriminali li ghandha s-setgha li tirrevoka Sentenza moghtija minn Qorti inferjuri ta' gurisdizzjoni kriminali meta jkun hemm ksur jew ommissjoni ta' kull formalita` rikjesta mil-Ligi taht piena ta' nullita`, jew f'kull kaz iehor fejn tali ksur jew omissjoni tkun sostanzjali, ta' l-Artikolu 498 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan ghalhekk li l-atturi qeghdin

jippretendu li dina l-Onorabbli Qorti tadotta mansjonijiet li, bir-rispett kollu, ma jappartjenux lilha skond il-Ligi, izda huma ezercitabbli biss mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali;

"4. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

"5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz li t-talbiet attrici kellhom jintlaqghu, l-esponenti m'ghandux ibaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Ottubru, 2013, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm esposti, iddecidiet il-kawza billi: (1) Iddikjarat li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata l-1 ta' Frar, 2010, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nicolai Magrin** hi nulla u bla effett; (2) ordnat li l-istess Qorti tal-Magistrati fuq indikata tisma' l-kaz wara li dan ikun finalment deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward tar-riferenza in dizamina; (3) ordnat li rigward l-ispejjez ta' din il-procedura, dawn ghandhom jigu sopportati biss mill-Kummissarju tal-Pulizija stante li s-saga in dizamina tidher naxxenti mill-operat tal-istess; (4) irrilevat finalment li saga bhal dik in dizamina mhix konducenti ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u filwaqt li tawspika li min hu dovut ghandu jiehu passi dixxiplinarji fir-rigward, biex jistabbilixxi r-ragunijiet ghal din il-konfuzjoni procedurali li fil-fatt tidher pjuttost komuni fi proceduri sommarji, tawspika wkoll li s-saga hawn riskontrata ma tiehux aktar zmien inutili sakemm tigi konkluza b'mod definittiv.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "9. Illi nonostante d-delikatezza tal-vertenza vera u proprja tal-kaz odjern, ghandu jinghad li l-vertenza vera u proprja li din il-qorti hi prezentement kolpita hi biss dik ta' natura procedurali;
>
> "10. Illi pero` qabel ma tigi indirizzata din il-vertenza thossha obbligata tirrileva s-segwenti:
>
> "10.1. Illi l-intimat Direttur Qrati u Tribunali Kriminali hu inspjegabbilment fi stat ta' kontumacja peress li nonostante li debitament notifikat, (ara fol 6), baqa' ma rrispondiex – haga li ma taghmillux gieh;
>
> "10.2. Illi din il-procedura tirrizulta li hi holqa ohra f'saga procedurali li taf l-origini taghha ghall-incident awtomobilistiku li sehh f'April, tal-2006;
>
> "10.3. Illi s-saga procedurali sussegwenti tizvela inkompetenzi processwali konsiderevoli li forsi l-proceduri kellha sussegwenti inoltrati xorta ma jissuperawx;
>
> "10.4. Illi di piu` jirrizulta s'issa li l-istess incident gia` ta bidu ghal sitt (6) proceduri gudizzjarji u mhux eskluz li dan in-numru ma jkomplix jikber;
>
> "10.5. Illi ghalhekk, aktar milli qed tigi servuta l-gustizzja jirrizulta li effettivament hawn si tratta ta' wahda mis-segwenti:
>
> "10.5.1. Inkapacita` u inkompetenza grossolana tal-prosekuzzjoni;
>
> "10.5.2. Malizja serja fl-esekuzzjoni tal-process gudizzjarju;
>
> "10.5.3. Akkaniment processwali inawdit u manifestement sproporzjonat;
>
> "Ikkonsidrat:
>
> "11. Illi esperit is-suespost hu ghaqli li jkunu indirizzati r-risposti tal-intimat li jsostni li din il-qorti mhix dik idonea biex tisma' u tiddeciedi din il-vertenza;
>
> "12.0. Illi din il-qorti ma taqbilx ma' din il-pozizzjoni, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

"12.1. Illi l-procedura odjerna, ghalkemm rizultanti mill-konfuzjoni processwali riskontrata, mhix estensjoni tal-procedura kriminali indirizzata fil-konfront tal-intimat Magrin;

"12.2. Illi din il-procedura inhass il-htiega ghaliha stante li waqt li l-kawza ghadha ghaddejja procedura ta' referenza kostituzzjonali, il-qorti tal-Magistrati li fil-fatt kien suppost qed tistenna direzzjoni fir-rigward – din id-darba mill-Qorti Kostituzzjonali fl-istadju ta' appell tal-vertenza de quo – ipprecipitat il-kwistjoni u minflok, iddecidiet il-mertu minghajr ma stenniet ghal tali direzzjoni;

"13. Illi dan ghandu manifestament ikun meqjus bhala pregudikanti tal-procedura u r-rikorrenti ghamlu sew – anzi ma kellhom l-ebda alternattiva fic-cirkostanzi – hlief li jagixxu bil-mod li mxew bih f'din il-kawza;".

Rat ir-rikors tal-appell ta' Nicolai (Nicolai Christian) Magrin, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, filwaqt li ghamel referenza ghall-provi u l-atti processwali kollha, rrizerva li jipproduci provi ulterjuri u li jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri skont il-ligi, talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-15 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet hawn fuq premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Rat ir-risposta tal-appell tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija, li permezz taghha ssottomettew li l-appell imressaq mill-appellant ghandu jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant, b'riserva ghall-produzzjoni ta' provi u sottomissjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi, f'kaz illi dan ikun mehtieg.

Rat li ghalkemm id-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali kien debitament notifikat bir-rikors tal-appell, ma ressaq ebda risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2017, fejn wara li d-difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell, il-kawza baqghet differita ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawza, l-atturi appellati jattakkaw is-sentenza tal-1 ta' Frar, 2010, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li permezz taghha lliberat lill-appellant, peress li laqghet l-oggezzjoni sollevata minnu ta' *ne bis in idem*. Dik il-Qorti sejset id-decizjoni taghha wara li rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tas-26 ta' Marzu, 2009, li permezz taghha wiegbet ir-referenza maghmulha lilha, fis-sens li l-proceduri mehuda kontra l-imputat Nicolai Magrin jiksru l-jeddijiet tal-akkuzat ai termini tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll taht l-Artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, inghatat peress li ma kinitx edotta mill-fatt u hadd ma gibdilha

l-attenzjoni taghha, li wara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tas-26 ta' Marzu, 2009, kien intavolat appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Wara li nbdew il-proceduri odjerni, peress li kien ritenut li l-mertu seta' jincidi fuq l-ezitu eventwali tal-kawza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, dik il-Qorti halliet il-kawza *sine die* riappuntabbli b'rikors, b'dan li kull terminu impost mil-ligi ghandu jigi kkonsidrat bhala sospiz.

Il-konvenut appellant li hassu aggravat bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Ottubru, 2013 iressaq l-appell in ezami b'aggravju principali. Taht dan l-aggravju jinghad illi, ghalkemm jaqbel mal-principju li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha gurisdizzjoni residwali, ma jaqbilx mal-interpretazzjoni legali moghtija mill-ewwel Qorti u dan peress li z-zewg cirkostanzi li jridu jezistu *sine qua non*, ma jirrizultawx. (i) L-ewwel element huwa li ma jkunx hemm poter ta' Qorti ohra. L-appellant jirreferi ghall-fatt li l-Qorti li ghandha s-setgha thassar sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, hija l-Qorti tal-Appell Kriminali, procedura certament familjari mal-appellati, adoperata minnhom f'okkazzjonijiet ohra. (ii) It-tieni element huwa li l-provvediment ikun "*bad on the face*". F'dan ir-rigward, jaghmel referenza ghal artikolu tal-Imhallef (illum mejjet) Wallace Gulia dwar "*The residual powers of the First Hall, Civil Court in Malta*", fejn jinghad illi sabiex il-Prim'Awla tissindika provvediment moghti minn

awtorità kompetenti u fid-debita forma, wiehed irid necessarjament jara jekk dik id-decizjoni tkunx wahda "*bad on the face*". Jargumenta li l-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kienet fid-decizjoni taghha qeghda ssegwi d-direzzjoni moghtija lilha mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-assenza ta' informazzjoni li kien tressaq appell fir-rigward. Jishaq li l-appellati qeghdin, permezz tal-proceduri in ezami, jittantaw li jinterponu appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, meta kienu huma stess li ma appellawx quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali entro t-terminu, skont il-ligi. Ikompli billi jiccita gurisprudenza, li tista' tigi adottata b'analogija, sabiex isahhah il-pozizzjoni tieghu.

L-appellati da parti taghhom jishqu li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha gurisdizzjoni residwa peress li huwa principju stabbilit li fejn ma hemm ebda Qorti vestita espressament bil-gurisdizzjoni, f'dak il-kaz il-kwistjoni tkun tista' tingieb quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li tinkludi ghalhekk il-gurisdizzjoni biex tikkontrolla l-legalità ta' dak li jsir fl-ezercizzju tal-awtorità gudizzjarja meta l-illegalità tkun cara u ma tkunx tista' tigi rimedjata mod iehor.

Ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellant. Minn ezami tal-atti jirrizulta ampjament car li tabilhaqq huwa

minnu li l-appellati kellhom l-opportunità sabiex jattakkaw is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, permezz ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Madankollu l-Qrati ordinarji jibghu moghnija bil-poter residwali taghhom li jissindakaw l-operat ta' tribunali u qrati ohra, sakemm l-istharrig ikun limitat ghal raguni gravissimi.

Applikat dan il-principju ghall-kaz in ezami, darba li l-Kostituzzjoni ta' Malta taht l-Artikolu 46(4) taghti l-jedd lill-parti li tappella quddiem il-Qorti Kostituzzjonali mill-proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kif kontemplati taht l-istess artikolu tal-ligi, l-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kienet obbligata li tistenna d-decizjoni finali wara r-referenza maghmula minnha stess. Kien obbligu li jispetta lill-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li taccerta ruhha li d-decizjoni dwar ir-referenza Kostituzzjonali, kienet wahda finali. Dan l-izball procedurali da parti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mhux bilfors jista jigi rimedjat permezz t'appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Ghalhekk huwa ritenut li l-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma setghet qatt tghaddi sabiex tiddeciedi l-kaz, kif fil-fatt ghamlet, fil-mori tal-proceduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, li certament l-ezitu taghhom ser ikollhom impatt fuq id-decizjoni ahharija taghha.

Din il-Qorti taqbel ma l-ewwel Qorti fejn irriteniet li l-proceduri odjerni mhumiex estensjoni tal-procedura kriminali fil-konfront ta' Magrin u bhala tali, ladarba l-Qorti tal-Magistrati pprecipitat is-sitwazzjoni billi ddecidiet il-mertu tal-kaz minghajr ma stenniet ghad-direzzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, huwa manifestament ta' pregudizzju ghall-atturi li ma kellhom ebda alternattiva fic-cirkostanzi hlief li jimxu bil-proceduri odjerni. Ghalhekk din il-Qorti hija propensa li, bhall-Qorti ta' qabilha, taccetta t-tezi tal-appellati fis-sens li persuna tkun tista' dejjem tistrieh fuq il-gurisdizzjoni residwali tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn ikun hemm zball procedurali gravi tali da parti tal-qrati, li sahansitra jmur kontra l-provvvedimenti tal-oghla ligi tal-pajjiz u cioè tal-Kostituzzjoni.

Kien dover tal-Qorti tal-Magistrati, u mhux tal-partijiet, darba li ghazlet li taghmel referenza kostituzzjonali, li tistenna l-ezitu finali ta' dik ir-referenza. Kienet l-istess Qorti li naqset milli taghmel dan bi ksur tal-Kostituzzjoni. Dan mhux kaz ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jinteressa lill xi parti f'kawza, fejn l-interess ta' kontestazzjoni huwa tal-parti leza. F'kaz ta' referenza id-dover huwa tal-Qorti li talbet ir-referenza li tistenna u tara xi twegiba sejra tircievi ghad-domandi li hija tkun ghamlet. Hawn hija l-Qorti tal-Magistrati stess li injorat il-Kostituzzjoni u dan l-izball ma jistax jigi permess li jipperdura.

Isegwi li l-aggravju tal-appellant ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jigi michud.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi illi tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut appellant, Nicolai (Nicolai Christian) Magrin billi filwaqt li tichad l-istess tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Ottubru, 2013 fl-ismijiet premessi, fis-shih.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb